Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 199/2014

Il-Pulizja

Spettur Robert Vella

Vs

Gulio Farrugia

Illum 22 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Gulio Farrugia, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 404762M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-5 ta' Novembru, 2010 u fix-xhur ta' qabel:

1. Opera jew ippermatta l-operat tal-hanut Reborn Snack Bar li jinsab fi 132, Triq is-Salib, Marsa (numru tal-licenzja P/B/68/82) bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzja kif mahruga mill-Awtorita' peress li offrejt jew ippermettejt li jigi offrut ikel bi hlas li ma kienx inkluz fil-licenzja.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija Giulio Farruga jigi kkundannat ihallas multa u jottempra ruhu mal-licenzja ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 43(1) u (2) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-1 ta' Marzu, 2013, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk tilliberah mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Mejju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi u fil-parametri relattivi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellat huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok, jirrizulta mis-sentenza appellata illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati illiberat lill-imputat mill-akkuza dedottta kontrih u dan unikament minhabba l-fatt illi x-xheida tal-prosekuzzjoni, wara li gew imsejha sabiex jiddeponu, ma dehrux (vide fol 25 tal-process). Fil-vertia' dakinhar ix-xhieda kienu prezenti fil-bini tal-Qorti fil-hin pero' ghar-raguni li ser tigi spjegata, ma kienux fejn l-awla li fiha nzammet is-seduta. Dan il-kaz infetah u kien qed jinstaemgha quddiem il-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.d. Mill-verbal tad-9 ta' Novembru, 2012 (a fol 21 tal-Process) jirrizulta li l-kawza kienet giet differit ghal-ewwel ta' Marzu, 2013 fid-9.30hrs. Gara li fil-mori ta' dan id-differiment, il-kawza giet riassenjata lill-Imhallef (dakinhar Magistrat) Dr. Antonio Mizzi LL. D. Il-hin tas-seduta inbidel ghad-09:00hrs ta' filghodu minflok fid-09:30am. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma gewx notifikati b'din ilbidla fil-Magistrat sedenti u fil-hin u ghalhekk fl-1 ta' Marzu, 2013 pprezentaw ruhom fid-09:00hrs ta' filghodu l-Qorti quddiem l-awla li normalment kien jisma s-seduti fiha l-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna.

Illi l-Imhallef (dakinhar Magistrat) Dr. Antonio Mizzi, dakinhar kien qed jisma' s-seduti f'awla ohra u meta mid-09:00hrs ta' filghodu issejhet din il-kawza, dawn ix-xhieda ma semghawx lill-Marixxal tal-Qorti jghajtilhom u ghalhekk ma dahlux fl-awla. Konsegwentement il-kawza giet deciza dak ilhon stess fejn l-appellat gie liberat. Madanakollu ftit minuti wara li gara dan kollu, l-Avukat tal-parte civile (tal-Awtorita' tat-Turizmu) sabet lix-xhieda jistennew quddiem l-awla zbaljata u nfurmathom qiddiem min kienet qed tinstemgha l-kawza. Ix-xhieda in kwistjoni dahlu fl-awla ghal habta tad-9.15am ta' filghodu pero' gew infurmati li kienu tard wisq stante li l-kawza kienet giet diga deciza. Dan ilfatt jistaw ukoll jixhduh l-istess xhieda li kienu l-Enforcement Officers tal-MTA Eleonor Misud Cardona u Malcolm Zerafa u jistaw ukoll jikkonfermaw taht gurament li ghall-habta tad-d9.15 kienu barra mill-awla fejn kien qed jippresjedi l-Imhallef (dakinhar Magistrat) Dr. Antonio Mizzi LL.D. Il-prosekuzzjoni kien ghad fadlilha ittellgha dakinhar ix-xhud tal-Awotrita' tat-Turizmu Eleanor Mifsud Cardona li tokkupa l-kariga ta' 'Leading Enforcement Officer' u li kienet giet indikata qabel bhala wahda mix-xhieda tal-prosekuzzjoni a fol 7 tal-process u anke fil-verbal tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati a fol 8 tal-process.

Galadarba kien prezenti ghas-seduta l-Ufficjal Prosekutur (hekk kif jidher mill-verbal a fol 23 tal-process), il-Qorti kellha taghti differiment jew ghallinqas tipposponi il- kawza imar ghall-ftit tal-hin. Kif inghad iktar il-fuq ix-xhieda kienu hdejn l-awla ghall-habta tad-09:15hrs ta' filghodu, igifieri ftit minuti biss wara li giet imsejha l-kawza. Inoltre l-Qorti kellha a dispozizzjoni taghha rimedji ohra li setghat uzat, fosthom setghat imponiet multa fuq ix-xheda ghad-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti jew setghat ukoll harget mandat sabiex ghas-seduta li jmiss ix-xhieda jitellghaw bl-iskorta. Fil-fehma tal-esponent il-Qorti ma kienitx korretta li qabdet u marret ghas-sentenza ghaliex ghal darba tul dan il-kaz ix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma kienux prezenti fl-awla tal-hin, tentu kont ukoll tal-fatt li l-istess xhieda ma kienux notifikati fil-mori tal-proceduri inbidel il-Magistrat sedenti allura inbdiel ukoll il-hin li kien gie allokat ghas-smiegh ta' dan il-kaz. Ghalhekk l-appellant

jissottometti l id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma kienitx korretta u ppregudikat lil prosekuzzjoni galadarba mill-verbali kollha tal-process jirrizulta li l-prosekuzzjoni dejjem attiendiet ghas-seduti kollha u ghamlet hilitha sabiex ittellgha l-provi taghha. L-unici drabi li ma sar xejn, kien minhabba li jew l-imputat ma jkunx deher tant li l-Qorti kienet harget mandat kontra teighu (vide verbal a fol 13 tal-process) jew inkella ghax l-imputat stess talab ghal differiment.

Illi kfi diga' inghad iktar il-fuq, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kellha mizuri ohra ghad-dispozizzjoni taghha x'timponi izda mhux dik li tmur ghas-sentenza minghajr ma tkun tat cans ragonevoli sabiex il-prosekuzzjoni ttellaghha ix-xhieda kollha taghha. L-Onorabbli Qorti b'mod prematur u ingustifikat ghaddiet gahl promugazzjoni tas-sentenza, meta kien car li l-prosekuzzjoni kien fadlilha x-xhieda xi ttellaghha. Infatti fl-ebda verbal ma jidher li l-prosekuzzjoni iddikjarat li kienet ghalqet il-provi taghha. Huwa ormai fatt pacifiku fl-ordinarment guridiku taghna li l-Qorti ma tghaddiex ghal promulgazzjoni tas-sentenza qabel ma tkun semghet ix-xhieda kollha li l-partijiet jixtiequ jtellghu specjalment dawk li jkunu gew indikati anke fil-verbal tal-istess Qorti.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li anke mill-provi li gew prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta b'mod car li l-appellat huwa hati tal-akkuza kif dedotta kontra teighu. Mill-provi infatti jirrizulta li Giulio Farrugia fil-5 ta' Novembru, 2010 u fix-xhur ta' qabel kellhu f'ismu licenzja mahruga mill-Awtorita tat-Turizmu sabiex ikun jista' jopera 'Bar' Fl-istabbiliment tieghu bl-isem ta' Rebor Snack Bar (vide licenzja minn fol 17 sa fol 29 tal-process). Madanakollu meta l-Enforcement Officers tal-Awotriota' tat-Turizzmu wettqu inspections fl-istabbiliment tal-appelalt, sabu li kien qed ibiegh l-ikel bi ksur flagranti tal-licenzja tieghu li ma kienitx tippermetti li tali licence holder ibiegh affarjiet tal-ikel. Sabiex jinbiegh l-ikel kien hemm bzonn tal-licenzja ta' 'Snack Bar' liema licenzja l-appellat ma kellux fil-perjodu imsemmi fl-akkuza.

Dan kollhu kien xehdu l-Enforcement Officer Malcolm Zerafa quddiem il-Qorti tal-Magistrati pero' peress li x-xhieda tieghu ma gietx traskritta, din ovvjament ma tinstabx fil-process. Inoltre apparti dawn il-provi, li kieku l-Leading Enforcement Officer Eleanor Mifsud Cardona ingahtat l-opportunita' li tixhed mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kienet ukoll tikkorrobora dak li qal Malcolm Zerafa peress li hi kienet fuq il-post qed taghmel l-inspection meighu. Illi huwa fatt ukoll li d-difiza ma tellghatx provi u qatt ma cahdet l-akkuza tal-prosekuzzjoni. Ghaldaqstant kien hemm bizzejjed provi sabiex l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ssib lill-appellat hati tal-akkuza dedotta kontrih u li kien hemm il-grad rikjest fil-kamp tal-kriminal cioe' ta' lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli.

Ikkunsidrat,

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta u dan limitatament ghall-ewwel aggravvju imressaq 'il quddiem mill-Avukat Generali fejn l-ilment gie milqugh, s-sentenza appellata revokata u gie ordnat is-smigh mill-gdid tal-kaz.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija wahda marbuta mal-mertu tal-kaz u dan wara illi din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta kienet laqghet l-ewwel aggravvju ta'l-Avukat Generali u ghalhekk ordnat li jsir is-smigh mill-gdid.

Illi mill-provi li instemghu minn din il-Qorti johrog illi fid-data indikata fl-akkuza l-appellat kellu licenzja mahruga mill-Awtorita tat-Turizmu u dan sabiex jopera 'bar' mill-istabbiliment bl-isem *Reborn Snack Bar* gewwa l-Marsa. Illi r-regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.15 jistabbilixxi illi:

***"bar" tfisser stabbiliment li jipprovdi l-ikel accessibli ghall-pubbliku u li jipprovdi facilitajiet li toqghod bil-qieghda, li jkollu bhala skop primarju l-bejgh ta' alkohol u xorb mhux alkoholiku li jigi kkunsmat fil-post <u>imma jeskludi l-offerta ta' ikel bi hlas.</u>*** (sottolinjar tal-qorti).

Illi *ex admissis* l-appellat fix-xhieda tieghu jammetti illi huwa kien qed iservi l-ikel lil klijenti tieghu bi hlas u dan meta huwa kien ghadu ma irregolax il-posizzjoni tieghu dwar il-licenzja u dan billi isir il-bdil necessarju biex huwa ikun jista jaghmel dan. Dan apparti ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Enfurzar Malcolm Zerafa li ghamel l-ispezzjonijiet fl-istabbiliment u kull darba innota li kien qed jisserva l-ikel lill-klijenti tal-bar u dan versu korrispettiv. L-appellat isostni illi huwa kien ghamel l-applikazzjoni necessarja ma'l-awtoritajiet li minn naha taghhom damu biex jipprocessawielu. Dan ghaliex stqarr illi huwa ma kienx gie infurmat illi kellu bzonn l-awtorizazzjoni minn naha tal-Awtorita ta'l-Ippjanar u allura ghadda iz-zmien meta fil-fatt inghata dina l-informazzjoni u ha hsieb tramite il-Perit inkarigat minnu sabiex jikseb dan il-permess. Fuq dan jista' ikollu ragun l-appellat, madanakollu diment illi il-licenzja kienet ghada ma inharrgritx, huwa ma setax ikompli jiggestixxi n-negozju tieghu bi ksur ta'l-istess. Ma hemmx ghalfejn jinghad illi il-*licensee* ta' stabbiliment jibqa' kriminalment reponsabbli ghal dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' dak l-istabbiliment u ghalhekk ghandu iwiegeb ghal kull eghmil li b'xi mod ikun sar bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti fil-licenzja mahruga f'ismu. Illi r-regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.15 kategorikament jistipula illi "hadd ma' jista jopera jew ihalli li jigi operat xi stabbiliment li jipprovdi l-ikel kemm-il darba huwa ma jkunx applika qabel u gab il-licenza mehtiega mahruga mill-Awtorità."

Fuq kollox kien nuqqas minn naha ta'l-appellat illi ma segwiex l-applikazzjoni maghmula minnu fl-2005, izda baqa' inattiv sakemm hames snin wara gew l-ufficjali mill-Awtorita u ghamlu l-ispezzjonijiet taghhom. Din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar ma' dawn il-fatti ikonfutabbliipprezentati quddiemha minn fejn tirrizulta r-reita' minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni. Madanakollu jidher illi l-appellat illum ottempera ruhu mal-ligi u fil-fatt harrget il-licenzja f'ismu sabiex ikun jista' jopera l-istabbiliment tieghu bhala 'snack bar' u dan fl-04 ta' Awwissu 2011, u allura il-Qorti ser tiehu dan il-fattur in konsiderazzjoni meta tigi beix tinfliggi l-piena relattiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' it-tieni aggravvju sollevat mill-Avukat Generali u wara li rat l-artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 2, 3(1) u 17 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.15, issib lill-appellat hati ta'l-akkuza dedotta kontra tieghu u tikkundannah multa ta' elf mija u hamsa u sittin ewro (€1165).

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur